

*Settembru - Ottubru 2018*
*Nru: 414*

# *LEĦEN IL-PARROĊĊA*

## *tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija - Burmarrad*

### *Xhud kuraġġuż*



Fil-15 ta' Settembru ta' ħamsa u sena ilu seħħ delitt ikrah fil-parroċċa ta' Brancaccio fi Sqallija. Il-mafjużi tal-familja Graviano li kellhom it-tmexxija tal-għaqda kriminali tar-raħal f'idejhom ordnaw il-qtil tal-kappillan don Giuseppe Puglisi. Qatluh għaliex kien qiegħed itellifhom fil-ħidma mafjuża tagħhom billi jiġbor lit-tfal mit-toroq, jaħdem biex ir-raħal ikollu skola, jorganizza attivitajiet u jħeġġeġ lin-nies ma jċedux għat-theddid u ma jħallux il-biża' jaħkimhom.

Għall-Beatu Pino il-ħajja b'dinjità ta' kull bniedem kienet valur tal-Vanġelu ta' Ġesù li bl-ebda mod ma għandu jkun mhedded. Filwaqt li għix ħajja ta' saċerdot sempliċi u fqir qatt ma ħalla l-għejja u t-theddid ineħħulu t-tbissima minn fuq fommu. Minkejja li kien jikkundanna bl-aħrax lill-kriminali mafjużi u jsemmihom b'isimhom – ħaġa li ħadd ma kien jissogra jagħmel – huwa kien dejjem lest li juri ħniena ma' kull min żbalja u jaħfer lil min jagħmillu d-deni.

Dan il-martri ta' żmienna kien xhud tal-imħabba ta' Ġesù li teħles bil-verità. Jien kemm jien lest li niddefendi lil min ibati minħabba xi inġustizzja? Kemm qiegħed nimpenja ruħi biex inwassal l-imħabba ta' Ġesù billi nagħti sehmi fis-soċjetà u nkun xhud awtentiku tal-ħajja nisranija?

*P. Christian Anthony M. Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

Flimkien
*Tista taqra r-rivista Flimkien online:*
*https://goo.gl/hz2umQ*

## *Ġarra Vojta!*

Ħafna snin ilu, f'pajjiż 'il bogħod, kien joqgħod raġel sinjur u b'saħħtu ħafna. Kien magħruf minn kulħadd. Kellu kastell fuq il-quċċata ta' għolja u minn ġol-kastell ma kien jibża' minn ħadd. Lanqas mir-re. Il-kastell tiegħu kien armat b'ħafna kanuni u msakkar sew.

Minn barra, ir-raġel kien jidher sabiħ u kuntent. Imma f'qalbu kien hemm id-dlam tad-dnub. Kien makakk, supperv u kattiv. Ma kienx jibża' la minn Alla u lanqas mill-bnedmin. Kien jikkmanda suldati mill-agħar u moħħhom biex jeqirdu rħula u bliet. Il-gost ta' dan is-sinjur kien li jagħmel il-ħsara lill-oħrajn. Kien joqgħod għassa bħal seqer fit-toroq ta' taħt il-kastell biex jaqbeż fuq dawk li jkunu għaddejjin u jisraqhom. Il-kefrija tiegħu kienet saret magħrufa minn kulħadd. Kien jobgħod lin-nies u jwaqqa' għaċ-ċajt l-affarijiet tal-Knisja. Kull meta tiġi l-Ġimgħa l-Kbira, minflok ma jsum kien jagħmel festi kbar għan-nies ta' madwaru.



Imma darba, waqt ġlieda, laqtitu balla fuq ġenbejh u weġġagħtu sew. Għall-ewwel darba, is-sinjur kattiv ħass l-uġiegħ u beda jibża'. Waqt dan l-uġiegħ, kien hemm xi ħadd li qallu: "Aħjar titlob maħfra għal dnubietek u tmur tqerr, għax inkella dalwaqt se tmur fl-infern!"

"X'nagħmel?", wieġeb ir-raġel, "jien... nitlob maħfra? Lanqas dnub wieħed ma rrid inqerr!" Imma l-ħsieb tal-infern baqa' jbeżżgħu. Kontra qalbu neħħa l-kappell tal-ħadid li kellu f'rasu, rema x-xabla u warrab l-ilbies tal-ġlied. Mexa lejn l-għar fejn kien joqgħod wieħed raġel qaddis.

B'leħen ta' supperv, u mingħajr ma niżel għarkubbtejh, irrakkonta lill-patri d-dnubiet li kien għamel f'ħajtu, dnub wara ieħor, bla ma nesa' lanqas wieħed minnhom. Kif spiċċa mill-qrara tiegħu, b'leħen tost qal lill-patri: "Issa kuntent li taf kollox dwari! Issa nista' nitlaq!"

L-imsejken patri għamel qalbu sewda bil-mod kif ġab ruħu dan ir-raġel. "Sinjur,… tassew li għidtli d-dnubiet kollha, imma mhux qed jiddispjaċik tal-ħażin li għamilt. Trid tagħmel penitenza biex turi li tassew se tbiddel ħajtek."

"Nagħmel kull penitenza. Jien ma nibża' minn xejn!" qal ir-raġel. "L-aqwa li tispiċċa din l-istorja!" "Mela,…" reġa' l-patri, "trid issum kull nhar ta' ġimgħa għal seba snin." "X inhu?... Ħallina minnek!" "Jew tmur Ruma bil-mixi." "Lanqas noħlomha mixja bħal dik!" "Jew tilbes l-ixkora għal xahar." "Le, dik qatt u

qatt!" Is-supperv ma ried jobdi minn l-ebda penitenza li tah il-patri. Dan fl-aħħar qallu: "Tajjeb, ibni. Agħmel biss din il-ħaġa. Mur imla' bl-ilma din il-ġarra u ġibha lura għandi."

"Trid tiċċajta?... Dik penitenza tat-tfal!" irrabja r-raġel, waqt li għaqqad il-ponn u ħares bl-ikrah lejn il-patri. Imma l-ħsieb tax-xitan jistennih ħdejn il-bieb tal-infern biddillu ħsiebu. Qabad il-ġarra taħt idejh u mar igerger lejn ix-xmara. Niżżel il-ġarra fl-ilma. Imma din ma setgħetx timtela'.

"X'qed jiġri?... Ħa mmur fl-għajn tal-ilma, u nimla l-ġarra minn hemm." Hekk għamel, imma l-ġarra baqgħet vojta. Imbagħad mar lejn il-bir tar-raħal. Għalxejn ukoll. Ħares fil-ġarra u beda jħabbat il-bastun fiha. Il-ġarra kienet vojta.

"Se nfittex l-ilmijiet kollha tad dinja, sakemm nimla' din il-ġarra!" U telaq għall-vjaġġ kollu rrabjat. Ġera 'l hemm u 'l hawn, taħt xita u rjieħ. Wiċċu nħaraq bix-xemx. F'kull għajn tal-ilma, f'kull bir, għadira jew xmara niżżel il- ġarra tiegħu biex jimliha, imma ma rnexxilux idaħħal qatra waħda tal-ilma. Imma kull darba li jipprova, kienet qed taqa' ġebla mill-ħajt ta' suppervja li kellu f'qalbu. Kompla jaqsam fuq art selvaġġa u f'deżerti.

Se mmur l-infern!

Snin wara, ix-xwejjaħ eremit ra ġej lejh raġel xwejjah, imsejken u b'saqajh għajjiena. Kellu ġarra vojta taħt idejh.

"Missier,..." qallu r-raġel b'leħen baxx u mnikket. "Ġrejt ħdejn ix-xmajjar u l-għejjun kollha tad-dinja. Imma ma stajtx nimla' l-ġarra. Issa naf li d-dnubiet tiegħi tiegħi mhumiex maħfura… Se mmur l-infern… Id-dnubiet tiegħi, kemm huma tqal! Issa tard wisq biex jinħafruli!"

Id-dmugħ ġera ma wiċċ ir-raġel. Demgħa waħda, żgħira żgħira, iżżerżqet mal-leħja tiegħu u waqgħet fil-ġarra. F'daqqa waħda l-ġarra mtliet sax-xifer b'ilma frisk u ċar li bħalu qatt ma kien ra.

Kienet demgħa waħda, imma demgħa ta' dispjaċir.

### NIMXU FLIMKIEN WARA ĠESÙ

*Messaġġ miż-żagħżugħa Michaela Camilleri*

Fil-paroċċa tagħna nsibu numru ta' żgħażagħ li flimkien mal-kappillan u Fr Allister jiffuramaw il-grupp tal-*pre-youths*. Waqt din il-laqgħa aħna nitgħallmu, niddiskutu u norgannizaw attivitajiet biex ngħinu lill-parroċċa tagħna. Ġieli noħorġu bħal xi mawra sa Għawdex. Wara l-laqgħa nieklu xi ħaġa flimkien bħala grupp. Xi kultant naraw film jew xi filmat fuq il-ħajja ta' xi qaddis jew dramm tal-passjoni. B'hekk jiena nħeġġiġkom biex tingħaqdu magħna u hekk insiru grupp ikbar u isbaħ.

## *Kalendarju*

***Settembru***

**1-2** Jum il-Missjoni OFM Conv. Fil-quddies kollu jkun hemm missjunarji li jitkellmu dwar il-missjoni tal-patrijiet fl-Indja

**4** Laqgħa għall-ġenituri u l-parrini tal-kandidati għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fis-7pm fid-Dar Parrokkjali.

**8** Festa tat-Twelid tal-Verġni Marija u Jum Nazzjonali. Quddies fil-5.30am, 6.15am u 7.00pm.

**13** Jinħatar il-Kumitat tal-Festa għas-sena 2018-2019.

**14** Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib. Fis-7.30pm issir Adorazzjoni tas-Salib fil-Knisja.

**16** Laqgħa għal-Letturi fid-Dar Parrokkjali fl-10am.

**17** Laqgħa għal-Letturi fid-Dar Parrokkjali fis-7.30pm.
*Il-letturi għandhom jagħżlu waħda mil-laqgħat.*

**18** Quddiesa u tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-Festa ta' San Ġużepp ta' Copertino, patrun tal-istudenti, fis-7.00pm.

**21** Irtir ta' preparazzjoni għas-Sagrament tal-Konfermazzjoni.

**22** Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni fis-7.00pm

**28** Festa ta' San Mikiel fil-Knisja ta' San Mikiel Arkanġlu fl-Imdawra fil-5.00pm bis-sehem tat-tfal tal-Katekiżmu.

**29** Jerġa jibda l-oratorju għat-tfal sa 11-il sena fiċ-Ċentru Parrokkjali fl-4.30pm.

***Ottubru***

**2** Jibdew il-laqgħat ta' Katekeżi għat-tfal fil-MUSEUM fil-5.00pm

**6** **Lejlet il-Festa ta' San Franġisk ta' Assisi.** Fis-6.30pm Ċelebrazzjoni tat-Transitu li jfakkar il-mewt ta' San Franġisk u fis-7.00pm Quddiesa.

**7** **Jum il-Festa ta' San Franġisk ta' Assisi.** Wara l-quddiesa tat-8.30am isir it-Tberik tal-annimali u l-inġenji tar-raba' fuq iz-zuntier.

**19** Quddiesa fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II fl-okkazzjoni tal-festa tiegħu fil-5.00pm.

**28** Jibda l-ħin tax-xitwa. Mil-lum il-quddiesa ta' filgħaxija tkun fis-6.15pm.

### *KATEKEŻI GĦAT-TFAL*

Il-Katekeżi tat-tfal tas-snin tal-iskola primarja fil-parroċċa ssir fil-MUSEUM nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa bejn il-5.00 u l-5.45pm. (It-tfal tal-ewwel sena jkollhom nhar ta' Ġimgħa biss.)

Il-grupp tal-Griżma jkollhom il-katekeżi skont programm miftiehem mal-ġenituri minn qabel.

Wara l-Griżma l-adolexxenti jiltaqgħu għal-laqgħa kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija (wara l-quddiesa) fid-Dar Parrokjali.

Matul ix-xahar ta' Ottubru l-membri tal-Leġjun ta' Marija jorganizzaw it-talba tar-Ružarju fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja kull nhar ta' Tnejn fil-5.30pm. Kulħadd mistieden.